**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU  TMINTAX                    11 ta' NOVEMBRU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Vici Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri  is-Sinjura Marisa Dámato, s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato,  is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **18.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 18.1.1 | | Is-Sinjura Marisa Dámato nfurmat li ma setgħetx tattendi għas-seduta għaliex tinsab imsiefra. (**imma f'xi ħinijiet waqt is-seduta Marisa D'Amato għamlet kuntatt mas-seduta permess tal-internet**).  Dr Tiffany Ann Farrugia nfurmat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet personali. Is-Sur Kenneth Farrugia informa li ma jistax jattendi għas-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa.  L-apoloġiji ġew milqugħa. **Dok 1 mehmuża**. |
| | | |
| **18.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 18.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph DÁmato ried jikkoreġi  l-minuti u jgħin li punt 17.2.1 għandu jinqara hekk : Hu staqsa jekk il-Kunsill staqsiex lill-persuna għal kemm għandu bżonn tali parkeġġ. |
| | | |
| 18.2.2 | | Fir-rigward ta' punt 17.4.2 Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li mhux ser issir l-attivita' tal-Milied tat-tfal minħabba l-problema tal-Covid. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 18.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sbatax - il seduta |
| | | |
| ***18.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 18.3.1 | | Is-Sindku reġgħet issuġġeriet biex fuq il-binja tal-Kunsill tibda titla l-bandiera kuljum, bħala land mark ta' fejn hu l-Kunsill Lokali.<br><br>Kien hawn qbil li l-Kunsill ser iħalli l-bandiera fuq l-arblu tal-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-bandiera tibqa dejjem 'l fuq ħlief għal funeral statali jew xi persuna li tat sehem fil-Kunsill Lokali.<br>Kien hawn qbil ukoll li jinbidlu l-bnadar tad-daħliet taż-Żurrieq. |
| | | |
| | | |
| ***18.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 18.4.1 | | Il-Viċi Sindku talab biex isiru pjanti fil-qsari ta'Triq P P Saydon għax hawn telqa kbira fejn jidħlu fjuri. |
| | | |
| 18.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:<br>• il-linji li saru fi Triq San Bartilmew jeħtieġ li jerġgħu jiġu rranġati minħabba li kellu xi kummenti minn sewwieqa.<br>• Triq Marjanu Ġerada biex isiru parking bays. Kien hemm qbil li jerġa jitkellem mar-residenti u jinfurmhom li jekk isiru l-linji sofor lanqas ir-residenti ma jkunu jistgħu jipparkjaw.<br>• Nitolbu lista ta' ċitazzjonijiet li ttieħdu f'Misraħ Repubblika u nistaqsu jekk is-cctv hux taħdem.<br>• Nirranġaw data mal-kuntrattur tas-siġar biex jinżabru s-siġar ta' fejn il-kappela ta' Sant Andrija.<br>• Jinqata l-ħaxix minn plot fi Vjal l-Indipendenza fejn AZ Stationery. |
| | | |
| 18.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• insista li titfa responsabbilta fuq TM biex jagħtu permessi malajr ta' dak li jitlob il-Kunsill Lokali.<br>• Kellu ilment li t-tarmak ta' Vjal il-Blue Grotto inħass ħażin minn resident li avviċina lillu bħala kunsillier. |
| | | |
| 18.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• staqsa kif baqa l-każ fuq ir-reinstatment li sar fi Triq Napuljun. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kiteb lit-TM.<br>• It-tarmak fejn qattgħu tal-Go fi Triq Napuljun, diġa niżel. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Qed issir ħsara fid-dar ta' residenza fi Triq San Bartilmew k/m Sqaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li llum kellha stima mingħand il-perit li kienet ta' 6,500Euro. Kien hemm qbil li jjsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa l-inonvenjent għar-resident. |
| | | |
| 18.4.5 | | F'dan il-punt għalkemm il-Kunsillier Marisa D'Amato tinsab imsiefra, għamlet kuntatt mal-Kunsill permess tal-internet, biex tkun preżenti għas-seduta. |
| | | |
| | | |
| ***18.5*** | | **Rapporti** |
| 18.5 | | Ma kienx hemm rapporti x'jinqraw. |
| | | |
| | | |
| **18.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **18.6°** | | **PA6673/20 – Żvilupp fi Triq il-Barrieri – Kienu preżenti l-konsulent tal-Kunsill u s-sidien l-art li trid tiġi żviluppata.** |
| | | |
| 18.6a.1 | | F'dan il-punt is-sidien tas-sit li ser ikun żviluppata ġibdu l-attenzjoni fuq dawn il-punti:<br>• żvilupp fuq il-parkeġġ tneħħa, u ser isir l-iżvilupp fejn bħalissa hemm il-bini eżistenti.<br>• Fil-biċċa fejn ser jiġi l-bini propost diġa hemm bini eżistenti.<br>• Bħalissa f'weekend ikun hemm aktar minn 1,500 ruħ f'tieġ u f'avvinimenti oħra.<br>• B'dan il-proġett ser jonqos it-traffiku u l-ħmieġ fl-akwati.<br>• Ser jinqata l-istorbju fl-akwati għax il-binja ser tkun kwieta.<br>• Persuni li ser ikunu preżenti fil-binja, li qed jissuġġerixxu li jsiru huma nies ta' ċertu kalibru u stat.<br>• Sar rapport tad-Deloitte fuq iż-żona fejn dawn għamlu rapport pożittiv fuq il-permess mitlub. Tali rapport il-Kunsill ġie mwiegħed li ser jiġi mgħoddi lilu s'għada.<br>• Ser ikun hemm turisti ta' kwalita' fejn ir-raħal hu nieqes minn dawn it-turisti.<br>• Kien hemm enforcement fuq għalqa li intużat bħala parkeġġ faċċata tal-binja. Li din l-Kunsill ġie mwiegħed li ser terġa tingħata lura fl-istat oriġinali tagħha hekk kif jinħareġ il-permess tal-bini.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta 19:05 u Il-Kunsillier Kaydem Schembri daħal online għas-seduta.<br>F'dan il-ħin is-Sindku rrimarkat li l-atteġjament ta' ċertu kunsilliera waqt is-seduta mhux aċċettabli u qalet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġbed l-attenzjoni tad-dipartiment.<br><br>• Il-Kunsill insista li jkollu garanzija uffiċċjali li l-parkeġġ illegali jerġa jiġi fi stat oriġinali sa għada. Ilphotomontagis u draft mingħand l-avukat li jintrabtu li l-parkeġġ illegali jerġa jiġi fi stat oriġinali tiegħu u jgħati żmien sa meta jrid ikun |

| | | |
|---|---|---|
| | | lest kif joħroġ il-permess tal-PA. Wara li joħroġ il-permess ta' PA6673/20, ser japplikaw għall-permess biex l-illegalita li saret fl-għalqa jsirilha x-xogħol biex titreġġa lura għal li kienet.<br>• Kull ma hemm mibni bħalissa hu kollu bil-permess.<br>• Ser jagħtu garanzija li l-ex parking area llegali, li ser terġa tiġi fl-istat oriġinali li kienet. Dan ser jagħmluh ukoll huma b'kitba ufficċjali.<br>• Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab donazzjoni ta' proġett ieħor għall-Kunsill, kif jgħatu lill-kunsilli Lokali oħra fejn għandhom żviluppi kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.<br><br>Wara li s-sidien tal-art ħarġu mis-seduta, kien hemm qbil li l-Kunsill iressaq il-punti li għamel il-konsulent jekk sa għada l-Kunsill ma jirċievi xejn mingħand is-sidien tas-sit. Jekk jirċievi dak mitlub il-Kusill jelimina l-parti tal-parkeġġ illegali mill-punti tiegħu. **Ara dok 2a.** |
| | | |
| ***18.6b*** | | ***PC21/20 żvilupp fi Triq il-Mitħna tal-Qaret.*** |
| | | |
| 18.6b.1 | | Il-konsulent ressaq il-punti **mehmuża Dok 2b**. Hu qal li dan is-sit kien parti mir-rationalisation u għalhekk ma tantx jista joġġezzjona li ma jsir bini xejn. Kienet saret applikazzjoni li meta l-Kunsill oġġezzjona għaliha fis-sena 2018, il-permess ġie rrifjutat u din is-sena reġgħet saret applikazzjoni oħra b'tibdil konsiderevoli. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb bil-pariri li ħa mill-konsulent f'dan il-qasam. |
| | | |
| 18.6b.2 | | F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-proposta PC64/20 ta' Sqaq it-Torri. **Dok 2c anness.**<br><br>Kien hemm qbil ma' dak mitkellem mal-konsulent tal-Kunsill u li tinkiteb oġġezzjoni lill-PA. |
| | | |
| 18.6b.3 | | F'dan il-punt il-Kunsillier Marisa D'Amato ħarġet minn online u daħal fl-ufficċju l-Kunsillier Kaydem Schembri 20:15. |
| | | |
| ***18.6c*** | | ***Traffic managemet fi Triq il-Ħaddiema*** |
| | | |
| 18.6c.1 | | Il-Kunsill irċieva approvazzjoni minn Transport Malta fuq talba tal-Kunsill t-traffic management il-ġdid ta' Triq il-Ħaddiema/Triq il-Qroll/Triq il-Qrendi jsir fuq bażi ta' 3 xhur prova. It-tabelli twaħħlu illum u għalhekk il-prova bdiet millum.<br><br>Is-Sindku fakkret li TM kienu ġew fuq il-post, raw is-sistema tat-traffiku u wara li evalwaw kollox, taw proposta li tressqet fil-Kunsill u l-Kunsill qabel magħha.<br>Dan sar kollu wara l-ilmenti ta' residenti ta' Triq il-Ħaddiema u tat-trakkijiet li kienu qed jgħaddu minn Triq il-Ħaddiema, fil-parti d-dejqa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li jrid li din is-sitwazzjoni tkun ta' xahar minflok ta' 3 xhur. Hu baqa jsostni dak li qal fis-seduta preċedenti, li l-aħjar soluzzjoni hi li Triq il-Qrendi terġa issir two way traffic u li jekk ikunhemm bżonn jitneħħa l-parkeġġ min-naħa waħda tat-triq.<br>Is-Sindku qalet li fil-kunsill daħlu messaġġi ta' qbil ma' din il-proposta, għalkemm fuq fb il-kummenti kienu kollha negattivi. |
| | | |
| | | |
| **18.6d** | | **Mozzjoni 2/2020: Talba għall-fondi fuq SPI/SCI/5** |
| | | |
| 18.6d.1 | | Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma jistax jitlob għall-fondi fuq miżura SPI/SCI/5/2020 Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern mis-sena 2017 'l hawn, minħabba li l-proġetti li saru kienu ta' toroq biss. |
| | | |
| **18.6e** | | **Mozzjoni 3/2020 -  SPI/SCI/6/2020** |
| | | |
| 18.6e.1 | | Is-Sindku ressqet mozzjoni numru 2/2020 - Il-kunsill għandu japplika minn miżura SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-krejazzjoni ta' spazji miftuħa fiċ-ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex.  Għal dan il-għan intalbet l-għajnuna tal-perit tal-Kunsill biex tintela l-applikazzjoni.  Din il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato.<br><br>Din l-applikazzjoni jekk tintlaqa' ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-proġett.  L-istima tal-perit fuq dan il-proġett hi ta' 421,312Euro.  Kien hemm qbil unanimu fuq li l-Kunsill għandu japplika.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet Ii jekk din tintlaħaq, il-Kunsill jista jġib il-kumplament tal-fondi minn applikazzjonijiet oħra.<br><br>Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-każini ġaladarba l-Kunsill jieħu l-fondi ta' din l-applikazzjoni. |
| | | |
| ***18.6f*** | | ***Mozzjoni 3/2020 – Skema SPI/10/2019 – Finanzjarjament għal Żvilupp ta' Libreriji lokali f'centri tal-komunita'*** |
| | | |
| 18.6f.1 | | Is-Sindku Rita Grima ressqet mozzjoni uffiċċjali għax biex l-Kunsill japplika għall-fondi, mhux biżżejjed li jsemmiha f'seduta, imma bilfors irid ikun hemm mozzjoni uffiċċjali.<br>Is-Sindku ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japplika għal Skema SPI/10/2019 - Finanzjarjament għal żvilupp ta' Libreriji lokali f'ċentri tal-komunita'.  Qed jiġi pproponut li jinxtara computer ġdid, screen kbir u cctv.<br>Din il-mozzjoni ġiet ssekondata mil-kunsillier inkarigat Kaydem Schembri.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| ***18.6g*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 18.6.g.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Fakkret biex il-Kunsill jibgħat ittra lill-għaqdiet tar-raħal biex jarmaw id-dawl tal-Milied u biex il-kumpanija privata tarma d-dawl tal-Milied f'Misraħ Mattia Preti, Triq G M Callus u Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill daħallu ilment minn sid ta' għalqa li tinsab wara l-Gnien tal-Ġibjun, li s-siġar li tħawlu jagħmlulu ħsara lill-prodotti tal-għalqa tiegħu. Il-Kunsill bagħat lill-contract manager jispezzjona l-każ u sab li sid l-għalqa għandu raġun għax is-siġar li tħawlu, tħawlu viċin wisq tal-għalqa, bil-konsegwenza li l-għeruq tagħhom jieħdu mis-sustanzi tal-prodotti tal-għalqa tal-viċin. Rapport meħmuż. **Dok 3.** Kien hemm qbil li l-Kunsill javża lill Infrastructure Malta biex ineħħi tali siġar u jissostitwixxihom b'oħrajn li ma jgħamlux ħsara.<br>• Inġiebu stimi għal 5 siġriet tal-ballut minn diversi kumpaniji. **Dok 4 mehmuż**. L-orħos offerta bil-qisien mitluba kienet tal-kumpanija F Zammit Nurseries għall-ammont ta' 1,300Euro. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tali siġar jinxtraw minn fond li ħarġet il-Ministru għat-turiżmu fuq Skema 2020/118. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li barra dawk il-5 siġriet, jinxtraw 5 oħra iżgħar biex jitħawlu quddiem il-kbar.<br>• Tressaq rapport ta'performance tal-ħaddiem taħt l-iskema Community workers scheme. Is-Segretarju tat 95% tal-performance tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan. Il-ħlas irid ikun mill-kunsill.<br>• Resqet proposta biex il-Kunsill jikri apparat biex jiddiżinfetta l-uffiċċju. Persuna ġiet fil-kunsill tagħmel demostrazzjoni tal-magna. Intogħġbot mill-impjegati għax inħasset l-arja nadifa diżinfettata. Il-pagamenti huma kif ġej: leasing tal-magna 308Euro exc vat kull xahar għal tul ta' 3 snin, 165Euro exc Vat kull xahar għal tul ta' 5 snin jew xira tal-magna għal 9,950Euro Exc Vat. F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-fond ta' 18,000Euro li lesti li jgħatu r-Reġjun Nofsinhar lil kull Kunsill fir-reġjun biex jużaw għall-skema proġetti, il-Kunsill kien applika biex jieħu fondi għal ktieb li ser jippubblika l-Kunsill u għal Cat Café. Minħabba li l-proġett tal-cat café għadu lura biex isir, minħabba l-permessi meħtieġa, ġie ssuġġeriet li minn dawn il-fondi tinxtara din il-magna. Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 5 mehmuż**<br>• Din is-sena minflok il-President's fun run, ser jippruvaw jinvolvu lill-Kunsilli Lokali kolha biex tiġi organizzata president's fun walk f'kull lokalita, ta' madwar 2 kilometri, li jibdew flimkien fid-9:30am. Xorta ser isir beigħ ta' t-shirt mal-mili tal-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni. Kull kunsill qed jintalab biex jinnomina persuna biex waqt il-mixja tagħmel kuntatt mal-istazzjon nazzjonali, għax kull attivita' ser tkun imxandra permezz ta' drone. Din l-attivita' kellha ssir fis-6 ta' Diċembru, imma għalissa ser tkun posposta. Kien hemm qbil li meta ssir, r-rotta tkun minn quddiem il-Kunsill Lokali għal fuq il-belle veder u lura. Hemm aktar minn 2k imma ż-żrieraq familjari mar-rotta.<br>• Għalkemm il-marathona tal-ġiri ma saritx il-Kunsill xorta waħda jħallas tal-midalji u trophies li kienu ser jingħataw. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li jintalbu l-midalji li saru u jinżammu fil-kunsill għal sena. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fis-seduta li jmiss ser issir ukoll il-laqgħa annwali tal-aħħar tas-sena hekk kif titlob il-liġi. Minħabba l-problema tal-Covid19 mhux ser ikun possibbli li fl-uffiċċju jintlaqgħu ħafna persuni.<br>• Fi Triq il-Wied hemm persuna b'diżabilta li għandha bżonn parkeġġ riservat u TM ma approvawx parkeġġ eżatt quddiem ir-residenza tagħha minħabba li xi metri 'l bogħod hemm parkeġġ riservat għal persuna oħra. Din il-persuna għandha veru bżonn tali parkeġġ u qed titlob lill-Kunsill jgħinna. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel tali parkeġġ sakemm ikollha bżonn. |
| | | |
| ***18.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 18.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 40. |
| | | |
| ***18.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 18.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€66,008.51**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***18.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 18.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 2ta' Diċembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _2__ ta' DIĊEMBRU, 2020.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**